# IL-PATRIJOTTIZMU TA' DUN MIKIEL XERRI

*Ta'* Ġużè Galea

DIK il-pjazza ta' quddiem il-Palazz hija l-qofol tal-Belt tagħna, għax fiha titwettaq u tieħu sura ħajjet il-poplu Malti. Eluf ta' nies ta' kull klassi u ta' kull età jgħaddu kuljum minn dak il-misraħ medhijin bix-xogħol tagħhom, għajjenin mit-tweġħir li jinqalgħalhom, mikdudin mill-għawġ li jiltaqgħu miegħu, mifnijin mill-ħsibijiet li jberrnu f'moħħom, ferħanin b'xi xorti li laqtithom, henjin minn xenqiet l-imħabba; kollha jgħaddu minn hemm, min igħaġġel u min bil-lajma, u kollha jġorru magħhom tqanqiliet u xejriet misturin f'moħħom u f'qalbhom.

Imma dik il-pjazza għalina l-Maltin mhix biss għażiża għax turi qisha fuq palk, il-ħajja bieżla, ħarkiena, ħabrieka tan-Nazzjon, iżda għax tfakkar bosta mill-ġrajjiet tagħna : ġrajjiet ta' ferħ, ġrajjiet ta' niket, ġrajjiet ta' glorja, ġrajjiet ta' għajb li twettqu hemm matul il-milja tas-snin. Minn meta nbniet il-Belt Valletta, il-poplu Malti dejjem inġabar hemm f'okkażjonijiet ta' ferħ jew ta' għali, hemm hu mar biex jifraħ u jiddeverti, hemm mar biex jagħti merħba lill-Imperaturi, Slaten u Rjus Kbar, hemm iltaqa' biex iċapċap lill-mexxejja tiegħu, hemm mar biex iħaqqaq il-fehma ta' moħħu, hemm iltaqa' biex ibierek lil dawk li għamlulu ġid, hemm mar biex jisħet lil dawk li għamlulu d-deni. Imma fuq dan kollu dik il-pjazza hi għażiża għalina l-Maltin għax il-qiegħa tagħha xxarrbet b'demm il-patrijotti Maltin u fost dawk il-patrijotti, jixraqlu post ewlieni Dun Mikiel Xerri, li ħalla ħajtu hemm għal pajjiżu.

Kull Nazzjon għandha nies kbar li jagħmlulha ġieh u jgħolluha quddiem il-barranin ; hemm min jingħad bħala bniedem kbir għall-għerf tiegħu, hemm min għall-għaqal, min għall-ħniena, min għall-mogħdrija, min għall-imħabba lejn għajru jew għall-ġibda lejn Pajjiżu, imma ħadd minn dawn ma jistħoqqlu ġieh u qima lejh daqs dak li jħalli ħajtu għal Pajjiżu jew għal niesu. Il-ħajja hi l-ogħla għotja t'Alla l-Imbierek, hi l-aqwa don li jippossjiedi l-bniedem u meta bniedem jagħti ħajtu jkun qiegħed jiċħad lilu nnifsu mhux biss ġidu, għerfu u d-doni kollha, imma saħansitra l-esseri tiegħu. Ikun qiegħed irażżan mhux biss ġibdietu u xewqatu, iżda jkun jegħleb il-qawwa tan-natura għax in-natura ġġagħalna nagħmlu minn kollox biex inħarsu ħajjitna u naħarbu mill-mewt.

Kull min jagħmel xi opra tajba jkollu sodisfazzjon għax imqar il-ħsieb li sewa ta' ġid jew għen lil għajru jqanqallu hena ta' qalb u serħien ta' moħħ li jfarrġuh mhux ftit, imma meta wieħed iħalli ħajtu jippriva ruħu saħansitra minn kull hena li tisfa' mill-għamil it-tajjeb.

Għalhekk kull poplu ċivilizzat jagħti l-ogħla ġieh lil dawk l-eroj li ħallew ħajjithom, għal għajrhom, għal pajjiżhom jew għall-fidi tagħhom. Dun Mikiel Xerri jieħu postu bil-ħaqq kollu fost dawk il-patrijotti għeżież li fuq l-artal tal-patrja issagrifikaw mhux ġidhom, mhux ġiehhom, mhux għamilhom, imma ħajjithom il-għażiża u saqqew b'demmhom il-qiegħa ta' dik il-pjazza ewlenija tal-Belt tagħna.

Dun Mikiel hu x-xbieha ta' patrijott l-aktar safi, bniedem

rett, ġwejjed, fommu sieket, għaqli, medhi fuq xogħlu, iħobb lil pajjiżu bla ħafna ftaħir u bla ħafna kliem fieragħ. Il-veru patrijott mhux dak li jgħajjat f'nofs il-misraħ u jħambaq u jxandar kemm hi kbira l-ġibda tiegħu lejn art twelidu, imma mbagħad meta tinħtieġ il-ħidma tiegħu għall-ġid tal-kotra, taraħ ikewtel u jlaqlaq u lanqas biss imidd idejh biex jagħmel sehmu. Il-veru patrijott hu dak li jilħaq dmiru, jagħnet u jħawtel u jilħaq max-xogħol tiegħu bla tgergir u bla tgemgim, u filwaqt li jilħaq max-xogħol tiegħu jsib ukoll il-ħin biex jagħmel xi ħaġa għall-ġid, biex igħin il-proxxmu jew biex ifarraġ lil min hu fil-hemm jew fil-bżonn.

Dun Mikiel qatt ma fittex għana u ġieh u qatt ma fittex li jitħallat mal-kbarat jew mal-mexxejja tal-pajjiż, iżda dejjem żamm lura u kien jindaħal għall-ħidmiet straordinarji meta kienu jfissrulu li ma jistgħux igħaddu mingħajru u meta kien iħoss ruħu fid-dmir li jieħu sehem.

Hu twieled u trabba Ħaż-Żebbuġ fost in-nies ta' dak ir-raħal u dejjem żamm dik ix-xeħta ta' bniedem lieżem, imma dehni kif aktarx issibhom lil dawk tal-kampanja; dawn in-nies huma ta' ftit kliem u ma jintilfux fil-komplimenti żejda, iżda jafu jqisu u jagħżlu t-tajjeb mill-ħażin għax dehenhom mhux mitluf wara l-frugħat u t-tlellix ta' l-ibliet. Dun Mikiel Xerri twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1738 u trabba f'dak ir-raħal fejn kien twieled u trabba wkoll il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana, li mbagħad laħaq Isqof ta' Malta. Mikiel u Franġisku Saverju ma jistax ikun li ma trabbewx flimkien jew li għallinqas ma kinux ħbieb fi ċkunithom. Żewġt itfal f'raħal, it-tnejn mogħtijin għall-istudju, aktarx it-tnejn abbatini fl-istess knisja, dejjem issibhom ħbieb u jiġru wieħed wara l-ieħor. Fl-istejjer kollha ta' Malta nsibu li dawk iż-żewġ persunaġġi kienu ħbieb tal-qalb u għandna naħsbu li dik il-ħbiberija kienet ixxenxlet f'żgħożithom meta kienu bla ħsieb u bla xkiel, jiġġerrew henjin fir-raħal ta' twelidhom. It-tnejn daħlu studenti fis-Seminarju, it-tnejn saru qassisin, it-tnejn tawha għat-tagħlim fis-Seminarju u fl-Università u baqgħu midħla ta' xulxin, it-tnejn kienu jinteressaw ir-wieħhom fil-ġid ta' pajjiżhom u t-tnejn kienu mhejjijin jaqbżu għal art twelidhom meta tinħtieġ l-għajnuna tagħhom; it-tnejn kienu mqanqlin minn sentimenti patrijottiċi, imma filwaqt li wieħed kiseb il-ġieh li kien jistħoqqlu u mexa 'l quddiem u laħaq Rettur ta' l-Università u Isqof ta' Malta, l-ieħor ħalla ħajtu

f'nofs il-Pjazza mtertaq min-nar tas-suldati u miet bil-għajta ta' Malta fuq fommu.

Dun Mikiel mhux biss eroj, iżda hu martri tal-patrja. Ħafna nies ma għandhomx idea eżatta ta' dik il-ħaġa li tissejjaħ patrja; għal bosta l-patrja hi biċċa art fejn twieldu jew għaxu, għal oħrajn il-patrja hi skuża għal sentimenti opportunistiċi jew motiv għal entużjażmu fieragħ jew agħma. Il-veru sentiment patrijottiku hu dak li jħeġġeġ il-qalb u jixgħel il-moħħ, iħeġġiġhom bil-fehma u rieda soda li jgħożżu jweġġħu dak kollu li hu sewwa f'pajjiżhom, li jħobbu lil kull min iħabrek għall-ġid, li jgħinu lil min hu fil-bżonn, li jagħdru lil dawk fost ħuthom li tilfu t-triq tas-sewwa u li jaħdmu għalenija biex iġibu 'l quddiem art twelidhom u lil dawk li jgħixu fiha.

Minn hawn ġej li l-patrijottiżmu hu sentiment ta' karità u mhux intrigu politiku, hu sagrifiċċju mhux pretensjoni; għalhekk l-att erojku ta' Dun Mikiel Xerri hu l-aqwa xempju ta' patrijottiżmu ; dak li għamel hu, għax kien imqanqal minn sens ta' karità u sagrifiċċju u mhux minn intrigi għall-avanz jew unuri. Meta Dun Mkiiel ingħaqad ma' sħabu tal-konfoffa biex jeħilsu l-Belt minn taħt idejn il-Franċiżi, hu kien imqanqal mill-ħniena lejn dawk il-Maltin bħalu li kienu jbatu taħt il-madmad ; hu kellu xewqa li jeħles lin-nies tal-Belt mill-għaks ta' l-imblokk u lin-nies tal-kampanja mit-tbatijiet biex iżommu strett dak l-imblokk. Ir-rieda ta' Dun Mikiel kienet li jiswa ta' ġid lil ħutu Maltin kollha, dawk magħluqin 'il ġewwa mis-swar u l-oħrajn ta' barra l-bliet, għax kollha kienu għaddejjin minn kriżi kbira. Dawk ta' ġewwa l-bliet, barra s-sarima li libbsuhom il-Franċiżi u l-ħruxija tas-suldati, kellhom nuqqasijiet kbar ; kienu jbatu l-ġuħ ; filwaqt li dawk il-Maltin tal-kampanja ma kinux f'qagħda anqas imwiegħra ; l-irġiel b'saħħithom kienu miġburin f'battaljuni għassa fit-trunċieri lejl u nhar ; kienu abbandunaw ir-raba' u s-snajja' tagħhom u waqgħu f'għaks u ġuħ kbir. Biex tagħqad kien hawn ukoll il-mard li qered ħafna nies tant li meta spiċċa l-imblokk, sabu li aktar mietu Maltin fil-kampanja milli fl-ibliet.

Dawn il-ħsibijiet ġieb f'moħħu Dun Mikiel qabel ma iddeċieda li jidħol fil-konfoffa, hu dam ħafna jtalla' u jniżżel dwar id-destin ta' Malta u d-dmir tiegħu lejn dak id-destin. Ta' surmast li kien, il-Professur, kif kienu jsejħulu l-ħbieb u l-ħafna skulari li għaddew minn taħt idejh, ma nxteħetx bil-għama għal dak it-twegħir tal-konġura. Ħafna oħrajn kellhom mnejn

jixegħlu u jfuru ma' l-inqas kelma, għax ikunu mqanqlin mix-xewqa li jidhru jew jissemmew, jew ikunu mogħmijin mill-ġibda għall-avventuri. Il-għamil ta' nies bħal dawn jista' jisfa ta' ġid għal pajjiżhom u huma jiksbu ġieħ u foħrija, imma l-ħidma tagħhom ma tistax tissejjaħ virtù erojka.

Dik li tissejjaħ virtù erojka titnissel mill-għaqal u l-ħsieb mhux minn sfiċċa li tixgħel bħan-nar tat-tiben, ittir bħal xrara u tintemm f'tebqa ta' għajn. Li Dun Mikiel ma ndaħalx bla ħsieb u bla raj għal dik il-biċċa xogħol ta' tiġrib kbir tixhdu l-istorja u jidher mill-bixra ta' ħajtu.

L-istorja tgħidilna li fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi kien hemm mhux konfoffa waħda iżda tnejn, u jekk niflu sewwa l-ġrajja ta' dak l-imblokk insibu li Dun Mikiel kellu x'jaqsam ma' nies li ħadu parti fl-ewwel u ma' oħrajn li ndaħlu fit-tieni konfoffa.

Fil-konfoffa li kienet imlaqqgħa l-Isla f'Awissu ta' l-1799, kien ħa sehem l-ispiżjar Ċikku Pisani li kellu lil ħuh miżżewweġ ma' Tereża, bint Marija, oħt Dun Mikiel Xerri. Wara li nkixfet dik il-konfoffa u nqabdu dawk li kienu fiha, l-ispiżjar Pisani xeħtuh il-ħabs ta' Sant'Jermu, fejn dam għal xi żmien sakemm tawh il-mewt għas-sehem li kellu f'dik it-tqanqila tal-Maltin ta' ġewwa l-ibliet biex jeħilsu mill-Franċiżi. Minn dan wieħed jista' jifhem li Dun Mikiel jekk ma kienx imdaħħal f'dik il-konfoffa, kellu ħjiel tagħha għax ma jistax ikun li ma kinux tarrfulu xi kelma dawk l-imħalltin miegħu li kienu fiha; imma hu ta' għaref u ta' għaqli li kien, ried jistħarreġ sewwa u jiżen il-ġid u l-fejda li se jitnisslu minn dik it-tqanqila.

Bħala saċerdot Dun Mikiel kien bniedem tar-ruħ u tal-paċi, bħala professur hu kien bniedem tal-ġabra u tas-skiet, medhi fuq il-kotba, jixxiegħel fit-tagħlim, iħobb is-skiet u jitbiegħed mill-għagħa. Hu kien ta' bixra fabbli, jilqa' lill-ħbieb bil-qalb kollha u l-hena tiegħu fil-ħin tal-mistrieħ jiltaqa' ma' xi erbgħa tal-qatgħa tiegħu u joqgħod jitkellem magħhom. Kellu dar Ħaż-Żebbuġ, fit-triq li l-lum hija msemmija għalih, imma hu ftit kien igħix hemm. Minħabba x-xogħol tiegħu fl-Università u fis-Seminarju, Dun Mikiel Xerri kien kera daqsxejn ta' dar il-Belt, Triq Sant'Ursola, u mbagħad mar igħix f'dar oħra fi Triq il-Punent taħt il-kunvent tal-Karmnu u hemm kien igħaddi l-biċċa l-kbira tas-sena. F'dik id-dar żgħira kienu jmorru jżuruh il-ħbieb ta' ġewwa u l-istudenti. Wieħed jista' jaħseb li sħabu tal-konġura, il-qassis Dun Bartilmew Zarb, il-librar Saver Rossi, il-

kaptan Guliermu Lorenzi, kienu ta' ġewwa f'dik id-dar u aktarx twebblu bil-konfoffa f'xi waħda mil-laqgħat tagħhom hemm. Jista' jkun li f'dik id-daqsxejn ta' dar tfasslu l-proġetti għal dik il-konġura kbira li ħasdet lil Vaubois, imliet ras dak ta' madwaru u dehxet lill-Gvern.

Fost dawk li daħlu għal dik il-konfoffa seta' kien hemm min kellu f'rasu xi tir għal̇ih innifsu seta' kien hemm ukoll min xtaq jiġbed in-nar għal xawwatu, imma milli jidher il-biċċa l-kbira tal-konfoffa u, fosthom ewlieni Dun Mikiel Xerri, kellhom f'rashom ħsieb wieħed u wieħed biss: Ħsieb li jagħmlu ġid lil pajjiżhom u jeħilsu lil nieshom mill-madmad tal-barrani. Kienu rġiel li kellhom qalbhom tħeġġeġ b'imħabba għal art twelidhom, kienu nies mitlufin bix-xewqa li jiksbu l-ħelsien, kienu bnedmin imqanqlin minn mogħdrija għal art twelidhom, kienu nies mogħnija b'għerf u għaqal, imma ma kellhomx dik ix-xeħta fina biex imexxu l-ħarira minn taħt ħalli ma jnebbhux lill-għedewwa bit-tir tagħhom.

L-entużjażmu kien kbir imma l-organizzazzjoni kienet dgħajfa, tant li meta wasal iż-żmien biex jagħtu l-kolp kien hemm min beda jitħasseb u x'uħud imlew rashom tant li marru sabu lill-Kanonku Dun Pietru Pawl Muscat, Teżorier tal-Kolleġġata ta' San Pawl tal-Belt u talbuh iġibilhom minn għand l-Isqof il-permess li jkun espost is-Santissimu Sagrament fuq l-artal ħalli jirnexxi l-kolp li kienu sejrin jagħtu; iżda l-Isqof Mons. Labini, bagħat igħidilhom li l-Knisja ma tindaħalx fi bċejjeċ bħal dawn.

Dan juri li dawk tal-konfoffa, għalkemm kellhom ħsibijiet kbar u kienu jinsabu f'għawġ ikraħ, kellhom ukoll ġibda lejn il-Knisja Mqaddsa u dan iwettaq il-fatt li l-imħabba lejn art twelidna timxi id f'id ma' l-imħabba lejn ir-Reliġjon għax ir-Reliġjon tqajjem fil-bniedem sentimenti għoljin ta' ħniena, ta' mogħdrija, ta' ġustizzja u kull fejn hemm sentiment ta' ġustizzja għandek issib ukoll xejra għall-patrijottiżmu; għax fuq kollox il-patrijottiżmu hu rieda qawwija biex in-nazzjon tikseb dak kollu li bil-ħaqq jistħoqqilha. Is-sehem li Dun Mikiel Xerri kellu fil-konfoffa jixhed il-patrijottiżmu ta' dak il-bniedem qalbieni u ġust.

Meta l-kapijiet tal-konfoffa raw li ma kinux imhejjijin biżżejjed biex il-kolp jirnexxi, fil-għodwa tal-11 ta' Jannar inġabru fil-Knisja ta' San Ġwann tal-Belt u wara li talbu d-dawl lill-Mulej, sejħu lil dawk li kellhom idoqqu l-qniepen biex jagħtu

s-sinjal għall-attakk, qalulhom li ma kien ser isir xejn u wissewhom li jmorru bil-kwiet lejn darhom. Din it-twissija bagħtulha wkoll lil dawk li kienu bil-qaddis li jaħbtu għall-għases u lilloħrajn tal-kampanja li kienu imhejjijin jidħlu jgħinu lil huthom tal-Belt. Imma ħtija ta' xi ħadd bla għaqal, l-aħbar ma waslitx lil dawk l-irġiel li kienu mistoħbijin Marsamxett lesti għall-assalt; dawn baqgħu jistennew sakemm, b'xorti ħażina, il-Franċiżi indunaw bihom u ħabtu għalihom għal għarrieda. Wara li nqabdu dawk l-irġiel, u bil-għajnuna ta' xi spjuni, il-Franċiżi kixfu l-konġura u bdew jiġbru lil dawk li kienu mdaħħln fiha; arrestaw lil kull min kellhom xi ħsieb ħażin fih, saħansitra l-patrijiet kollha ta' San Duminku; imma sakemm ġara dan, kien hemm min dabbar rasu, għax il-Franċiżi ma sarux jafu f'daqqa min kienu dawk tal-konġura.

Kieku ried, Dun Mikiel Xerri seta' jara kif jagħmel biex joħroġ mill-Belt. Nafu wkoll li billi Dun Mikiel kien miżmum b'wieħed mill-egħref nies ta' Malta u kulħadd kellu qima kbira lejh, il-Ġeneral Vaubois xtaq jeħilsu tassew u meta ressquh għall-kawża tiegħu, niżel hu stess biex jagħmillu l-mistoqsijiet li kienet titlob il-liġi. Dak il-Ġeneral xtaq li Dun Mikiel igħid xi ħaġa li biha jkun jista' jbenġillu l-ħtija u jnaqqaslu l-piena. Imma Dun Mikiel għażel li jibqa' hemm fejn kien ikkonfoffa ma' sħabu għall-ħelsien ta' Malta. Meta jsib ruħu fil-għawġ, il-bniedem l-ewwel ħsieb li jgħaddilu minn moħħu, kif se jdabbar rasu; iżda mhux kulħadd jaħseb għalih innifsu biss; l-irġiel qalbiena, galantomi u ta' rieda qawwija ma jabbandunawx lil sħabhom u saħansitra jinxteħtu biex iġarrbu bħalhom il-hemm li jaqa' fuqhom.

Nies bħal dawn huma tassew qalbiena u l-kuraġġ tagħhom hu l-aktar safi u tal-għaġeb. Għax il-kuraġġ mhux biss dak li jitnissel minn sfiċċa ta' ħila li tixgħel bħal nar tat-tiben, anqas hu dak li jiġi minn xi dagħdigħa ta' qilla jew mibegħda; il-kuraġġ veru hu ta' dak il-bniedem li jagħraf il-periklu bla ma jibża' minnu u bla ma jaħrab. Il-bniedem kuraġġuż jibqa' ħiemed imqar fl-eħrex tempesta, hu jħoss dmir li jwettaq ħila u qlubija quddiem il-periklu, hu ma jħallix lilu nnifsu jintrebaħ mill-għawġ u l-hemm u fuq kollox ma jibqax lura li jaqbeż għal ħbiebu u għal għajru, u saħansitra jarfa' s-salib tagħhom jew jissieħeb magħhom fl-isventuri kif għamel Dun Mikiel Xerri.

Rumanzieri u poeti kitbu episodji li jmissu l-qalb dwar l-imġiba ta' Dun Mikiel Xerri quddiem l-imħallfin li ikkundannawh għall-mewt u quddiem it-tajfa suldati li iffuċillawh. Hafna mill-irqaqat ta' dawk id-deskrizzjonijiet huma nisel tal-fantasija, huma rahan ta' dik il-mewta kuraġġuża ta' Dun Mikiel li għaġġbet lill-egħdewwa tiegħu u nisslet ġibda u qima lejh saħansitra fost is-suldati qalbenin ta' Franza.

Dun Mikiel Xerri u tnax-il Malti ieħor, irġiel sewwa, qalbiena, felħana, mixgħula bl-imħabba għal art twelidhom, ħallew ħajjithom għal din Malta tagħna fis-sbieħ il-jum tas-17 ta' Jannar, 1799, f'nofs il-Pjazza tal-Belt. Waqgħu mtertqin miċċomb ta' l-azzarini Franċiżi, xarrbu b'demmhom il-qiegħa ta' dik il-Pjazza, u b'dak l-istess demm inkitbet fl-istorja ta' Malta paġna glorjuża li ma tintesa qatt.

Kull nazzjon u kull pajjiż għandhom il-ġieh u l-foħrija tagħhom, u fuq dawn iż-żewġ sisien huma jogħlew u jieħdu posthom aktar 'il fuq fost il-Għaqda tal-Ġnus. Imma l-ġieh u l-foħrija għandhom jingħataw bil-ħaqq u s-sewwa u jistħoqqu biss lil min ikun għamel xi ħaġa kbira għal pajjiżu. Hafna jistgħu jwettqu xi ħaġa ta' ġieh għal pajjiżhom imma ftit huma dawk li jagħtu ħajjithom għall-ħelsien ta' art twelidhom u ta' nieshom. It-tifkira ta' dawn in-nies li jidhru fl-istorja tal-pajjiż, qishom kwiekeb fil-beraħ tas-sema, għandha s-siwi tagħha nazzjonali u internazzjonali. Din it-tifkira hija ta' fejda nazzjonali għax hi nixxiegħa ta' għana u ġid spiritwali li jħeġġu l-qalb, idawlu l-moħħ u jseddqu d-dehen; b'daqshekk tissaħħaħ ir-rieda u l-ħerqa tan-nies għall-ħidma u għat-tħabrik b'rizq tagħhom infushom, ta' għajrhom u ta' pajjiżhom.

It-tifkira ta' nies kbar tiswa wkoll biex tressaq lejn xulxin in-nazzjonijiet u tgħaqqadhom f'rabta ta' ħbiberija u ta' għajnuna għax l-opri ġenerużi jixegħlu dawl li jiġbed lejh il-bnedmin ta' rieda tajba ta' kull nazzjon.

Għalhekk din it-tifkira ta' Dun Mikiel Xerri, imqanqla mill-ħeġġa ta' l-istudenti żgħażagħ, hi mhux biss radd ta' qima lil dak il-patrijott kbir, imma hija wkoll rahan ta' xejra ġdida fis-sentiment patrijottiku Malti. Jalla minn dak il-qassis għaref u qalbieni nitgħallmu d-dmirijiet tagħna lejn ir-Reliġjon u lejn il-Patrja, *quod est in votis !*